MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 350/2006/1

**Hotel Cerviola Limited u Marsascala Holiday Complex Limited**

**v.**

**Malta Shipyards Limited**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell interpost mis-socjeta` konvenuta Malta Shipyards Limited minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta’ Mejju 2007 li biha dik il-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni taghha, izda laqghet l-ewwel eccezzjoni u

cahdet it-talbiet tas-socjetajiet attrici Hotel Cerviola Limited u Marsascala Holiday Complex Limited, bl-ispejjez kontra taghhom. Sar ukoll appell incidentali mis-socjetajiet attrici mill-istess sentenza.

Is-socjetajiet attrici kienu pprezentaw rikors guramentat fejn ippremettew hekk:

"1. Illi Hotel Cerviola Limited taghmel referenza ghall-kuntratt li kellha ma' Malta Shipyards Limited u dan dwar allokazzjoni ta' haddiema strangieri li kellhom jibqghu jintbaghtu fil-lukanda msemmija liema kuntratt kien jibqa' validu u jorbot liz-zewg partijiet sa l-ahhar ta' Marzu 2006. Dan il-kuntratt kien ilu ghaddej zmien, u l-haddiema barranin kienu jitqieghdu fil-lukanda attrici. Mhux hekk biss imma sahansitra meta kien ikun hemm haddiema zejda, ghal zmien twil, kienet ir-responsabbilta` tal-kumpanija attrici li tqieghdhom hi band'ohra, u bl-istess kundizzjonijiet ta' hlas.

"2. Illi l-kumpanija intimata qabdet u unilateralment waqfet l-istess ftehim, u anzi hadet in-nies li kien hemm fil-lukanda u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2006, minkejja li f'ittra tal-21 ta' Dicembru 2005, Chris Bell ghall-kumpanija konvenuta kien qal li minkejja li l-kumpanija ma kienetx maghzula ghall-*tender* sussegwenti dan ma kien bl-ebda mod jimpingi fuq il-kuntratt kurrenti. Dan gab danni serji lill-kumpanija attrici ghaliex kienet ghamlet *commitment in buona fede* u skond kif kien qed jithaddem il-ftehim bejn iz-zewg partijiet.

"3. Illi fit-tieni lok il-Kumpanija Marsascala Holiday Complex Limited, li tiggestixxi wkoll interessi tal-lukanda Cerviola, qed tasserixxi li l-kumpanija konvenuta bi ksur tar-regoli tat-*tender* mahruga minnha stess li harget ghall-perjodu li kien imiss wara Marzu 2006, u dan peress li ma gewx osservati l-istess kundizzjonijiet tat-*tender*, meta l-lukanda Cerviola kellha *track record* tajjeb, kif jigi pruvat, u t-*tender* kellha l-orhos prezzijiet ghall-kumpanija konvenuta. L-esekuzzjoni tat-*tender* tal-lukanda Cerviola saret fuq bazi llegali, u mhux fondata la fil-fatt u l-lanqas fid-dritt, u fid-decizjoni, barra li nkisret il-ligi, ittiehdu in

ezami konsiderazzjonijiet li ma kienux rilevanti, kienu llegali u maghmula b'mod vessatorju ghall-kumpanija attrici u dan biex jinqdew terzi li kienu sahansitra offrew prezz oghla.

"Ghalhekk qed issir din il-kawza kemm ghad-danni u kemm ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` tad-decizjoni tal-kumpanija konvenuta li teskludi lill-kumpanija Marsascala Holiday Complex Limited esercenti l-lukanda Cerviola mit-*tender* ghas-servizz ta' lukanda wara l-1 ta' April 2006.

"KAWZALI
"Peress li Hotel Cerviola Limited kellha kuntratt ma' Malta Shipyards Limited u dan dwar allokazzjoni ta' haddiema strangieri li kellhom jibqghu jintbaghtu fil-lukanda Cerviola ta' Marsascala, liema kuntratt kien jibqa' validu u jorbot liz-zewg partijiet sa l-ahhar ta' Marzu 2006. Dan il-kuntratt kien ilu ghaddej zmien, u l-haddiema barranin kienu jitqieghdu fil-lukanda attrici. Mhux hekk biss imma sahansitra meta kien ikun hemm haddiema zejda, ghal zmien twil, kienet ir-responsabbilta` tal-kumpanija tal-parti attrici li jitqieghdu f'lukanda jew akkomodazzjoni ohra, u bl-istess kundizzjonijiet ta' hlas.

"Peress illi l-kumpanija konvenuta qabdet u unilateralment waqqfet l-istess ftehim, u anzi hadet in-nies li kien hemm fil-lukanda Cerviola u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2006, minkejja li f'ittra tal-21 ta' Dicembru 2005, Chris Bell ghall-kumpanija konvenuta kien qal li minkejja li l-kumpanija ma kienetx maghzula ghall-*tender* sussegwenti dan ma kien bl-ebda mod jimpingi fuq il-kuntratt kurrenti.

"Peress li minhabba dan l-agir tal-kumpanija konvenuta, il-ksur tal-kuntratt gab danni serji lill-kumpanija attrici ghaliex kienet ghamlet *commitment in buona fede* u skond kif kien qed jithaddem il-ftehim bejn iz-zewg kumpaniji, ta' liema danni hija responsabbli l-kumpanija konvenuta.

"Peress li *inoltre* l-kumpanija konvenuta hija korp appartenenti lill-gvern Malti, u harget *tender* ghall-kuntratt fuq linji simili u dan biex jigu alloggjati haddiema barranin tat-tarzna ghall-perjodu mill-1 ta' April 2006 'il quddiem.

"Peress illi l-istess lukanda Cerviola applikat bil-kumpanija li tmexxiha u *cioe`* l-Marsascala Holiday Complex Limited ghal dan it-*tender*, u kif jigu pruvat, il-kumpanija konvenuta kisret ir-regoli tat-*tender* mahruga minnha stess li harget ghall-perjodu li kien imiss wara Marzu 2006, u dan peress li ma gewx osservati l-istess kundizzjonijiet tat-*tender* meta l-lukanda Cerviola kellha *track record* tajjeb, kif jigi pruvat, u kellha l-orhos prezzijiet ghall-kumpanija konvenuta li eskludiet lill-lukanda Cerviola fuq bazi llegali, u mhux fondata la fil-fatt u l-anqas fid-dritt, u fid-decizjoni, barra li nkisret il-ligi, ittiehdu in ezami konsiderazzjonijiet li ma kienux rilevanti, kienu llegali u maghmula b'mod vessatorju ghall-kumpanija attrici u dan biex jinqdew terzi li kienu sahansitra offrew prezz oghla. Illi ghalhekk id-decizjoni li tigi eskuza l-lukanda Cerviola kif gestita mill-kumpanija attrici hija "*ultra vires*" skond l-**Artikolu 469A (1) (b) (ii), (iii) u (iv) tal-Kap 12**, u dan peress li d-decizjoni lamentata saret (a) bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u tal-procedura obbligatorji f'dan il-qasam (b) b'abbuz tal-poter ghaliex l-eskluzzjoni tal-kumpanija attrici saret ghal skop mhux lecitu jew fuq il-bazi ta' konsiderazzjonijiet irrilevanti u (c) kontra l-ligi."

Ghalhekk is-socjetajiet attrici talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara li l-eskluzzjoni tal-lukanda Cerviola ta' Marsascala mit-*tender* ghas-servizz ta' lukanda ghall-haddiema strangieri ghall-perjodu mill-1 ta' April 'il quddiem, hija *ultra vires* fis-sens ta' l-**Artikolu 469A (1) (b) (ii), (iii) u (iv) tal-Kap 12**, u dan peress li d-decizjoni lamentata saret (a) bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u tal-procedura obbligatorji f'dan il-qasam (b) b'abbuz tal-poter ghaliex l-eskluzzjoni tal-kumpanija attrici saret ghal skop mhux lecitu jew fuq il-bazi ta' konsiderazzjonijiet irrilevanti u (c) kontra l-ligi, u konsegwentement thassar l-istess eskluzjoni tal-kumpanija attrici.

"2. Tiddikjara lill-kumpanija konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-lukanda Cerviola kif rapprezentata mill-kumpanija attrici Hotel Cerviola Limited, u dan

minhabba t-thassir prematur tal-ftehim li kellu jwassal sa l-ahhar ta’ Marzu 2006.

“3. Tillikwida d-danni sofferti.

“4. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta li thallas id-danni li jigu hekk likwidati.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tat-3 ta’ Marzu 2006, u bl-ingunzjoni tal-kumpanija konvenuta u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.”

Is-socjeta` konvenuta pprezentat nota ta’ l-eccezzjoniiet (fol. 11) fejn eccepiet li:-

“1. Illi r-rikors promotur huwa irritu u null billi l-kawzi taz-zewg atturi huma guridikament distinti u ma jistghux jitmexxew b’azzjoni wahda.

“2. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta mhuwiex applikabbli fil-konfront tal-eccepjenti.

“3. Illi f’kull kaz, it-talbiet tas-socjeta` Hotel Cerviola Limited huma nfondati fil-fatt u fil-ligi, billi:

“i. il-ftehim ghas-servizzi ta’ akkomodazzjoni sal-ahhar ta’ Marzu 2006 ma kienx f’isem l-imsemmija Hotel Cerviola Limited izda f’isem Lawrence Borg;

“ii. f’kull kaz, il-ftehim ghall-ghoti ta’ servizzi ta’ akkomodazzjoni li l-esponenti Malta Shipyards Limited kellha ma’ Lawrence Borg f’isem il-Cerviola Hotel, ma kienx wiehed esklussiv; u

“iii. mhux veru li l-esponenti tterminat dan il-kuntratt qabel l-gheluq tieghu.

“4. Illi f’kull kaz ukoll, it-talbiet tas-socjeta` Marsascala Holiday Complex Limited huma wkoll infondati fil-fatt u fil-ligi billi:

"i. mhux minnu li l-esponenti mxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, b'abbuz ta' poter, jew bi ksur tal-ligi; u

"ii. l-eskluzjoni mill-ghazla tal-istess socjeta` Marsascala Holiday Complex Limited fil-process tat-*tender* saret skond ir-regoli tal-esponenti u b'konformita` mal-kundizzjonijiet tal-istess *tender*.

"5. Illi ghalhekk l-esponenti ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tal-atturi u ma kkagonatilhom ebda danni; u f'kull kaz l-esponenti ma hija responsabbli ghal ebda danni fil-konfront tal-istess socjetajiet attrici."

**Decizjoni ta' l-ewwel Qorti.**

B'sentenza tal-31 ta' Mejju 2007 l-ewwel Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, laqghet l-ewwel eccezzjoni u cahdet it-talbiet tas-socjetajiet attrici. Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici. Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:

"**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

"Illi din id-decizjoni hija limitata sabiex jigu decizi l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta. L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda n-nullita` tar-rikors promotur billi qed jigi allegat li l-kawzali taz-zewg atturi huma guridikament distinti u ma jistghux jitmexxew b'azzjoni wahda. It-tieni eccezzjoni hija li l-**Artikolu 469A tal-Kap.12** mhux applikabbli fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

"Illi dwar l-azzjoni kollettiva ssir referenza ghas-sentenza **Mammante Azzopardi et vs Carmelo Micallef** (P.A. 16 ta' Dicembru 1953) fejn il-Qorti qalet li din il-kwistjoni giet diskussa fid-dottrina, u mhux dejjem giet rizoluta xorta wahda fil-gurisprudenza. Infatti l-kwistjoni jekk diversi persuni jistghux jinghaqdu flimkien biex igibu 'l quddiem l-azzjoni rispettiva taghhom b'citazzjoni wahda, u jekk jistghu, liema huma r-rekwiziti mehtiega biex dan il-konkretament ikun jista' jsir. Tant id-dottrina kemm il-

gurisprudenza kwazi kompletament jaqblu f’sens affermattiv dwar l-ewwel parti tal-kwistjoni; imma qatt ma qablu, u ghad ma qablux, rigward it-tieni parti ta' l-istess kwistjoni, jigifieri dwar il-kondizzjonijiet ta’ fatt mehtiega biex tkun ammissibbli citazzjoni kollettiva.

“Illi dik il-Qorti rriteniet hekk :-

*““….ghall-ammissibilita` tal-gudizzju kollettiv huwa mehtieg mhux biss illi l-kwistjoni li tkun trid tigi rizoluta tkun identika ghal kull wiehed mill-atturi, imma wkoll illi l-interess derivanti mit-titolu u l-oggett tal-kawza jkun komuni; jigifieri illi c-citazzjoni kollettiva hi ammissibbli kull darba li diversi persuni, li jiffiguraw bhala atturi, jipproponu sabiex jirrizolvu kwistjoni ta’ dritt uniku u identiku, u jkun eskluz ‘a priori’ illi mir-rizoluzzjoni ta’ l-istess kwistjoni, f’sens jew iehor, tista’ tikkonkorri xi cirkustanza ta’ fatt specjali ghall-wiehed jew l-iehor minn dawk il-persuni atturi. U trid issir dik l-eskluzjoni ‘a priori’, ghaliex ma jistax jigi ammess gudizzju kollettiv preventiv, li fih jigi deciz jekk hemmx jew le dik ic-cirkustanza specjali li tista’ tinfluwixxi fuq ir-rizoluzzjoni tal-kwistjoni ta’ dritt (Dig. Ital. Ib para.26). Jekk ma jikkonkorrux dawn ir-rekwiziti, u l-parti konvenuta topponi ruhha ghall-proponibilita’ ta’ l-azzjoni b’gudizzju kollettiv, il-Qorti ma tistax taghmel hag’ohra hlief tiddikjara dak il-gudizzju improcedibili, bhala null”.*

“Illi mbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Charles sive Carmelo Galea et vs Periti Architetti Oscar Caruana Montalto et** (App. Civ: 11 ta’ Ottubru 1963), l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell sostniet li citazzjoni kollettiva hi ammissibbli meta d-diversi persuni li jidhru bhala atturi jitolbu s-soluzzjoni ta’ kwistjoni ta’ dritt wahda u identika u jkun eskluz *a priori* illi ghas-soluzzjoni taghha b’mod anzikke’ milli b’mod iehor tista’ tikkonkorri kwalunkwe cirkostanza ta’ fatt specjali ghal xi wiehed jew iehor mill-atturi.

“Illi fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza **Perit Anthony Stivala et vs Gerald De Trafford** (App. Civ – 19 ta’ Awwissu 1992) fejn gie deciz li meta jkun hemm aktar minn attur wiehed, u l-oggett tat-talba ta’ kull attur huwa differenti, ma tkunx saret kawza wahda, izda

daqstant kawzi daqs kemm hemm atturi, ghalkemm dawn il-kawzi jitressqu b'citazzjoni wahda. Meta jitressqu diversi kawzi b'citazzjoni wahda, kull attur ghandu jikkonferma bil-gurament il-paragrafu jew paragrafi tad-dikjarazzjoni li jkun fihom il-fatti dwar il-kawza tieghu. Il-Qorti kompliet li biex jista' jinghad li hemm l-unita` ta' kawza ghal diversi atturi, dawn iridu ma jkunux jistghu jagixxu singolarment billi d-dritt ta' azzjoni ta' kull wiehed minnhom ma jkunx jista' jigi ezercitat minghajr il-kunsens ta' l-iehor.

"Illi fil-kaz in kwistjoni r-rikors guramentat gie pprezentat minn zewg socjetajiet – minn Hotel Cerviola Limited u Marsascala Holiday Complex Limited. Minn qari ta' l-istess rikors jirrizulta li s-socjeta` Hotel Cerviola Limited qieghda titlob id-danni minghand is-socjeta` konvenuta minhabba li tallega inadempjenza kuntrattwali peress li kien hemm thassir prematur tal-ftehim li kellu jwassal sal-ahhar ta' Marzu 2006.

"Illi s-socjeta` Marsascala Holiday Complex, li tghid li tiggestixxi wkoll interessi tal-lukanda Cerviola, qeghda min-naha taghha titlob stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv *ai termini* ta' l-**Artikolu 469A(1) (b)(ii),(iii) u (iv) tal-Kap.12** minhabba li allegat li l-eskluzjoni tal-lukanda Cerviola mit-*tender* ghas-servizz ta' lukanda ghall-haddiema strangieri hija *ultra vires.*

"Illi ghalhekk jirrizulta b'mod car li dak li qed titlob is-socjeta` Hotel Cerviola Ltd huwa kompletament distint minn dak li qed titlob is-socjeta` l-ohra. Kull socjeta` setghet agixxiet singolarment *stante* li d-dritt pretiz minnhom mhux wiehed identiku.

"Illi jinghad ukoll li l-**Artikolu 161(3) tal-Kap.12** jipprovdi ghall-possibbilta` ta' azzjoni kollettiva u dan anki abbazi ta' l-iskorta ta' l-insenjamenti aktar 'il fuq imsemmija. Infatti dan l-artikolu jipprovdi :-

*""(3) Zewg atturi jew aktar jistghu jibdew il-kawzi taghhom permezz ta' rikors guramentat jew rikors mhux guramentat wiehed skond il-kaz, jekk il-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom jew jekk id-decizjoni li*

*tinghata dwar wahda mill-kawzi tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra u jekk il-provi jingiebu f'wahda mill-kawzi jkunu, generalment, l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra. Ir-raguni ghaliex ikunu qeghdin isiru l-kawzi u l-mertu taghhom ghandhom jigu dikjarati b'mod car u specifiku minn kull attur".*

"Illi din il-Qorti thoss li bla ebda dubju r-rikors guramentat odjern ma jissodisfax dan l-artikolu. Infatti l-mertu taz-zewg azzjonijiet huwa kompletament distint, u l-mod kif tigi deciza azzjoni ma taffettwax ir-rizultat fl-azzjoni l-ohra. Infatti s-socjeta` Hotel Cerviola Limited tibbaza l-kawza taghha fuq il-kuntratt li kien jezisti bejnha u bejn is-socjeta` konvenuta li kien jaghlaq fil-31 ta' Marzu 2006. Hija sostniet li minhabba li s-socjeta` konvenuta qabdet u unilateralment waqqfet l-istess ftehim bhala konsegwenza ta' dan soffriet danni. Filwaqt li s-socjeta` l-ohra tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-fatt li hija tiggestixxi l-interessi tal-lukanda Cerviola u qed titlob stharrig gudizzjarju ta' decizjoni amministrattiva minhabba li l-istess lukanda giet eskluza mit-*tender*.

"Illi *inoltre* ghalkemm, jista' jkun, li xi provi f'wahda mill-kawzi jkunu jghoddu wkoll ghall-kawza l-ohra certament dan ma jistax jinghad ghall-provi kollha. Dan ghaliex il-mertu ta' kawza li hija dwar inadempjenza kuntrattwali huwa mertu kompletament differenti minn stharrig gudizzjarju li huwa l-mertu tal-kawza l-ohra.

"Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi milqugha *stante* li l-azzjoni kif proposta hija improponibbli minhabba li r-rekwiziti sabiex tigi proposta azzjoni kollettiva ma gewx sodisfatti.
"Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li l-**Artikolu 469A tal-Kap. 12** ma japplikax ghas-socjeta` konvenuta u dan peress li l-istess socjeta` intimata ma hijiex awtorita` pubblika kif definita fl-istess artikolu u b'hekk kull decizjoni taghha ma tistax tikkwalifika bhala "ghemil amministrattiv" skond l-istess artikolu.

"Illi skond l-istess artikolu *"awtorita` pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri tieghu u d-dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi".*

"Illi fuq din id-definizzjoni din il-Qorti thoss li s-socjeta` intimata tikkwalifika bhala awtorita` pubblika a bazi tad-disposizzjonijiet fuq indikati u dan peress li jirrizulta li s-socjeta` intimata hija kumpanija kostitwita u registrata taht il-ligijiet ta' Malta u ghalhekk hija korp kostitwit b'ligi fis-sens li ghandu personalita` guridika distinta ghaliex huwa kumpanija registrata taht il-Ligi dwar il-Kumpaniji tas-sena 1995, u wkoll tappertjeni lil Gvern ta' Malta, tant li l-azzjonista principali ta' l-istess huwa l-Gvern ta' Malta, u dan kif jidher mill-*Memorandum of Association* ta' l-istess socjeta` kummercjali (Dok. "MA" – fol. 24 *et sequitur* tal-process),

"Illi jinghad ukoll li ghalkemm il-**Kap 466 – Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarzni ta' Malta – Att XV ta' l-2003 –** ma kkostitwixxiex l-istess socjeta` intimata izda biss pprovda ghar-ristrutturar tat-Tarzna ta' Malta u sabiex tipprovdi ghar-trasferiment ta' l-impjegati ta' l-istess ghal mas-socjetajiet hemm indikati, fosthom dik intimata, dan ma jfissirx li l-istess socjeta` ma baqghetx taqa' taht id-definizzjoni ta' awtorita` pubblika a bazi ta' l-artikolu ndikat u dan proprju ghaliex l-istess Gvern ta' Malta baqa' l-azzjonista principali ta' l-istess, u kien l-istess Att li ordna u indika t-twaqqif tas-socjetajiet hemm indikati nkluzi dik tas-socjeta` intimata.

"Illi dan qed jigi affermat ghalkemm huwa minnu li d-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Debono Grech vs Albert Mizzi et** (Q.K. 11 ta' Frar 1991) indikata mis-socjeta` attrici trattat dwar l-obbligu li jigu osservati d-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu fil-kaz ta' impjiegi u dan fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-A**rtikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni** li specifikatament jirreferi ghal *"kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp iehor kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv....."* u ghalhekk

strettament ma ghandhiex x'taqsam ma' l-**Artikolu 469 A tal-Kap 12.**

"Illi izda dan ma jfissirx lanqas li s-socjeta` intimata hekk kif kontrollata mill-Gvern ma taqax taht id-disposizzjonijiet ta' l-**Artikolu 469 A tal-Kap 12,** anzi din il-Qorti thoss li l-istess disposizzjonijiet ghadhom u ghandhom japplikaw ghas-socjeta` intimata u dan anke fl-isfond tal-ligi vigenti nkluz il- **Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta** u l-mod kif giet kostitwita s-socjeta` intimata, li giet mahluqa taht il-ligi dwar il-kumpaniji hawn citata u wara r-ristrutturar tad-*dockyard* kif provdut fl-istess Att. B'hekk din it-tieni eccezzjoni qed tigi michuda."

**Rikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta Malta Shipyards Limited.**

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti ta' l-ewwel istanza u interponiet appell minnha b'rikors prezentat fil-20 ta' Gunju 2007. In succinct is-socjeta` konvenuta, filwaqt li qablet mas-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni taghha (dwar l-irritwalita` ta' l-azzjoni attrici), ma qabiltx mad-decizjoni taghha fejn cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta (dwar stharrig gudizzjarju) u dana billi qalet li l-ewwel Qorti abbraccjat it-tezi tas-socjetajiet attrici li s-socjeta` konvenuta tikkwalifika bhala 'awtorita` pubblika'. L-aggravju jikkonsisti fil-fatt li ladarba l-ewwel Qorti gustament laqghet l-ewwel eccezzjoni hi messha cahdet it-talbiet attrici u waqfet hemm u astjeniet milli tiddeciedi t-tieni eccezzjoni biex il-kwistjoni tibqa' impregudikata. F'kull kaz is-socjeta` konvenuta thoss li din l-eccezzjoni messha ntlaqghet billi hi m'hiex 'awtorita` pubblika'.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta` appellanti talbet ir-riforma tas-sentenza msemmija bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**Risposta tas-socjetajiet appellati Hotel Cerviola Limited u Marsascala Holiday Complex Limited,**

Is-socjetajiet appellati jikkontendu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata fejn cahdet l-eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta dwar l-applikabilita` ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 izda ma qablux fejn il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li l-azzjoni kumulativa ma kienitx proponibbili f'dan il-kaz. Is-socjetajiet appellati ressqu appell incidentali fejn talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u minflok tichad l-istess.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

**Appell Incidentali fuq l-ewwel eccezzjoni dwar l-azzjoni kollettiva.**

Fl-appell incidentali taghhom is-socjetajiet atturi jghidu li huma hassewhom aggravati bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti appellanti li l-azzjoni kumulattiva ma kienitx proponibbili. Huma jsostnu li l-azzjoni taghhom kontra l-kumpanija konvenuta hi fuq l-istess cirkostanzi li huma sostanzjalment identici jew konnessi, u fattwalment kellhom jinstemghu flimkien jew, kif tipprovvdi l-ligi fis-sub-artikoli (4) u (5) ta' l-Artikolu 161 tal-Kap. 12, cioe` wahda wara l-ohra, u mhux kif ghamlet l-ewwel Qorti meta annullat kollox. Il-socjetajiet appellati jikkontendu inoltre li l-ispejjez ma kellhomx jigu akkollati kollha lilhom.

L-ewwel Qorti ddecidiet li fil-kaz in ezami r-rikors guramentat gie prezentat minn zewg socjetajiet distinti fejn wahda qed titlob id-danni minghand is-socjeta` konvenuta minhabba li qed tallega inadempjenza kuntrattwali da parti taghha, mentri s-socjeta` attrici l-ohra qed titlob stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv a termini ta' l-Artikolu 469A (1)(b)(ii)(iii) u (iv) tal-Kap. 12 minhabba agir tal-kumpanija konvenuta li allegatament hu *ultra vires*. Skond l-ewwel Qorti dak li ntalab miz-zewg socjetajiet huwa kompletament distint wiehed mill-iehor u kull socjeta` setghet agixxiet singolarment billi d-dritt pretiz minnhom ma kienx wiehed identiku.

Azzjoni kollettiva hija permessa skond is-sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 161 tal-Kap. 12 basta li l-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom jew jekk id-decizjoni li tinghata dwar wahda mill-kawzi tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra u jekk il-provi li jingiebu f'wahda mill-kawzi jkunu, generalment, l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra.

Bhal l-ewwel Qorti din il-Qorti taghmel referenza ghall-iskorta tat-taghlim prevalenti fid-dottrina u l-gurisprudenza in propozitu, u hi tal-fehma li ghall-ammissibbilita` tal-gudizzju kollettiv huwa mehtieg illi l-kwistjoni li tkun trid tigi rizolta tkun identika ghal kull wiehed mill-atturi, u wkoll illi l-interess derivanti mit-titolu u l-oggett tal-kawza ikun komuni, jigifieri illi c-citazzjoni kollettiva hi ammissibbli kull darba li diversi persuni, li jiffiguraw bhala atturi, jipproponu sabiex jirrisolvu kwistjoni ta' dritt uniku u identiku, u jkun eskluz "a priori" illi mir-rizoluzzjoni ta' l-istess kwistjoni, f'sens jew iehor, tista' tikkonkorri xi cirkostanza ta' fatt specjali ghal wiehed jew l-iehor minn dawk il-persuni atturi.[1]
Is-socjetajiet attrici jikkontendu li waqt li l-gurisprudenza kkwotata mill-ewwel Qorti ssemmi n-nullita` tal-kawza, illum is-sub-artikoli (4) u (5) ta' l-Artikolu 161 tal-Kap. 12, kif emendati, jaghtu rimedju iehor u jghidu x'ghandu jsir. Skond is-socjetajiet attrici "llum il-ligi tippermetti lill-Qorti tisma' kawza wara l-ohra u tista' taghmel dan sakemm tinghata s-sentenza."

Kif intqal fis-sentenza **Vella v. Bugeja** (P.A. 4 ta' Gunju 1991) l-Artikolu 156A (illum Artikolu 161[2]) tal-Kap. 12 ma bidilx dak li kien ammissibbli fl-azzjoni kumulattiva 'klassika' fejn numru ta' atturi, li ghandhom l-istess interess, jagixxu flimkien kontra l-konvenut, u b'azzjoni wahda jivvantaw kontra tieghu l-istess dritt permezz ta' l-istess talba. Dan ghaliex dawn is-salvagwardji

---

[1] Ara f'dan is-sens *Mammante Azzopardi et vs Carmelo Micallef,* Prim'Awla 16.12.1953. Vol 37 p2 p 810; App.Civ. *Galea vs Caruana Montaldo*. 11.10.1963 u App Civ. *Sultana vs Sant Fournier* 4.3.1966.

[2] Illi l-Qorti tirrileva li l-Artikolu 156A tal-Kap 12 gie abolit permezz ta' Att XXIV tal-1995, izda l-istess artikolu gie inkorporat f'Artikolu 161 tal-Kap 12 permezz tal-istess Att u jinkorpora fih l-effetti kollha li kellu l-Artikolu 156A.

(imsemmija fl-Artikolu 156A, illum 161) huma mahsuba biex jigu assigurati li ma jkunx hemm pregudizzju ghall-konvenut u biex jigi assigurat li ma jkun hemm l-ebda ambigwita` jew incertezza fid-diversi talbiet tal-vari atturi u biex l-istess konvenut ikun jista' adegwament jopponi difiza ghal dawn it-talbiet.

Din il-Qorti tirrileva wkoll li skond is-sub-artikolu (4) ta' l-Artikolu 161, huwa meta jirrikorru l-elementi tas-sub-artikolu 3, li l-Qorti tista' tordna li l-kawzi jinstemghu u jigu decizi b'mod separat. Hekk ukoll is-sub-artikolu (5) jistipula kif ghandha tigi stabbilita l-kompetenza tal-Qorti fl-azzjoni kumulattiva, l-istess kif definit fis-sub-artikolu (3)[3]. Ghalhekk anke llum biex azzjoni kumulattiva tigi ammessa, l-istess jrid ikun hemm konkors simultaneju ta' identita` tal-kwistjoni li tkun trid tigi rizolta u komunanza ta' l-interess derivanti ghall-atturi kollha mit-titolu u l-oggett ta' l-azzjoni.

Is-socjetajiet appellati jsostnu li Lawrence Borg halef ir-rikors guramentat ghaz-zewg kumpaniji billi huwa direttur fiz-zewg kumpaniji li ghandhom l-istess interess fil-lukanda Cerviola. Inoltre huma qed jibbazaw it-talbiet taghhom fuq fatt guridiku wiehed cioe` l-kuntratt ta' allogg ghall-haddiema Bulgari. Huma jsostnu li l-ewwel kien thassar il-ftehim li kellha l-kumpanija Hotel Cerviola Limited li kien jorbot sa Marzu 2006, imbaghad giet eskluza l-kumpanija Marsascala Holiday Complex Limited minn *tender* b'abbuz amministrattiv.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li z-zewg socjetajiet appellati huma zewg kumpaniji b'personalitajiet guridici separati u distini. Il-fatt li Lawrence Borg huwa direttur fit-tnejn ma

---

[3] 161(4) Madankollu, kull wahda mill-kawzi li <u>hekk jinbdew flimkien</u> ghandhom jinstemghu separatament meta xi attur jitlob li jsir dan fil-kawza tieghu; u l-qorti tista' wkoll tordna li kawza ghandha tinstama' ghaliha meta ma jkunx espedjenti li l-kawzi ta' l-atturi kollha jinstemghu flimkien. Dik l-ordni tista' tinghata f'kull zmien tal-kawza qabel is-sentenza finali.

(5) Meta diversi kawzi <u>jinbdew flimkien skond kif provdut fissubartikolu (3),</u> dawn ghandhom ghall-ghan li tigi stabbilita l-kompetenza tal-qorti jigu kkunsidrati f'daqqa. Dik il-qorti tibqa' wkoll kompetenti ghar-rigward ta' kull kawza li tinfired mill ohrajn skond is-subartikolu (4).

jnehhi xejn mis-separazzjoni guridika li tezisti bejn iz-zewg kumpaniji. Inoltre z-zewg kumpaniji pproponew zewg azzjonijiet differenti, wahda dwar inadempjenza kontrattwali u l-ohra dwar stharrig gudizzjarju; ghalhekk dan jimporta li ma kienx se jkun hemm komunanza ta' eccezzjonijiet u difiza, u l-mod kif tigi deciza wahda mill-azzjonijiet ma kienitx se taffettwa d-decizjoni fl-azzjoni l-ohra. Fil-kaz in dizamina, l-fatt li seta' jigi pruvat li kien hemm inadempjenza kuntrattwali fil-konfront ta' kumpanija wahda ma jfissirx li din kienet se tikkostitwixxi prova li l-kumpanija konvenuta agixxiet *ultra vires* meta l-kumpanija l-ohra giet eskluza mit-*tender*. Hawn ghandek zewg atturi differenti, b'ghan differenti ghal kull wiehed minnhom, u ghalhekk huma mhux qed jagixxu ghall-istess oggett. Ghandek zewg ghanijiet differenti li jaghtu lok ghall zewg azzjonijiet gudizzjarji indipendenti minn xulxin. Kumpanija wahda setghet tagixxi indipendentement minn l-ohra u tesigi d-dritt taghha u l-konvenuti setghu jammettu wahda mill-obbligazzjonijiet u mhux l-ohra.

Inoltre l-fatt biss li certi provi jistghu jkunu komuni ghaz-zewg azzjonijiet ma jaghmilx l-azzjoni proposta bhala wahda kollettiva, b'dritt uniku u identiku, billi jibqa' l-fatt li ma hemmx identita` tal-kwistjoni li trid tigi rizolta u lanqas l-interess kommuni derivanti mit-titolu u l-oggett ta' l-azzjoni. Din il-Qorti ghalhekk, bhal dik ta' qabilha, tiddeciedi li l-azzjoni odjerna ma tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12.

Is-socjetajiet appellati jikkontendu li bhala konsegwenza ta' tali nuqqas il-Qorti ma kelliex tiddikjara l-azzjoni nulla imma l-ligi kif inhi "llum taghti rimedji ohra." Din il-Qorti diga` semmiet aktar 'l fuq fis-sentenza li l-Artikolu 161 ma biddilx il-posizzjoni minn kif kienet qabel saret l-emenda fl-1995 fl-Artikolu 156A, u ghalhekk jekk il-konvenut ma jikkuntentax illi, almenu, id-domandi jigu dizgunti, ic-citazzjoni, fuq talba tieghu, ghandha tigi dikjarata improcedibbli.

Ghalhekk l-appell incidentali qed jigi michud.

**Tieni eccezzjoni – applikabbilita` ta’ l-Artikolu 469A ghall-Malta Shipyards Limited.**

Is-socjeta` Malta Shipyards Limited issostni li l-ewwel Qorti gustament laqghet l-ewwel eccezzjoni taghha u cahdet it-talbiet attrici, izda hi messa astjeniet milli tiddeciedi t-tieni eccezzjoni u biex b’hekk il-kwistjoni kienet tibqa’ impregudikata u, se mai, dik l-eccezzjoni kellha tigi milqugha.

F’dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi ghall-verbal tal-14 ta’ Marzu 2007 quddiem l-ewwel Qorti fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza kellha tibqa’ ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet u ghalhekk bir-ragun l-ewwel Qorti hasset li kellha taghti sentenza fuq iz-zewg eccezzjonijiet kif giet mitluba. Din il-Qorti hi tal-fehma li ladarba l-ewwel Qorti ddecidiet iz-zewg eccezzjonijiet, sta ghal din il-Qorti wkoll li tiddeciedi dawn iz-zewg eccezzjonijiet ukoll billi hemm appell miz-zewg eccezzjonijiet.

B’riferenza ghat-tieni eccezzjoni, fl-ewwel talba taghhom, is-socjetajiet attrici kienu talbu li jigi dikjarat li l-eskluzzjoni tal-lukanda Cerviola mit-*tender* in kwistjoni mill-1 ta’ April 2006 ‘il quddiem, kienet *ultra vires* fis-sens ta’ l-Artikolu 469A(1)(b)(ii), (iii) u (iv) tal-Kap. 12.

Is-socjeta` konvenuta eccepiet li din it-talba ghandha tigi michuda billi l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax fil-konfront taghha billi hija ma tikkwalifikax bhala ‘awtorita` pubblika’ u l-azzjonijiet taghha ma jistghux jitqiesu bhala ‘ghemil amministrattiv’ ghall-finijiet ta’ l-istess artikolu. Il-fatt li l-Gvern ta’ Malta huwa l-azzjonista principali ta’ din il-kumpanija ma jbiddilx in-natura taghha ta’ kumpanija kummercjali ghal wahda ta' korp imwaqqaf bil-ligi.

Is-socjetajiet appellati wiegbu li tant is-socjeta` konvenuta mhiex wahda minn dawn il-kumpaniji kummercjali ordinarji li l-Gvern ta’ Malta kien qieghed fil-process li jipprivatizzaha.

Fuq id-definizzjoni ta' 'awtorita` pubblika'[4] moghtija mill-Artikolu 469A tal-Kap. 12, l-ewwel Qorti sabet li s-socjeta` konvenuta tikkwalifika bhala 'awtorita` pubblika' peress illi jirrizulta li s-socjeta` konvenuta hija korp kostitwit b'ligi ghax hija kostitwita u registrata taht il-ligijiet ta' Malta. Il-Gvern ta' Malta hu l-azzjonista principali ta' l-istess kumpanija u baqa' hekk anke meta gie promulgat l-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarzni ta' Malta – Att XV ta' l-2003. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta, skond l-ewwel Qorti, kif hekk kontrollata mill-Gvern, kienet taqa' taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u dana anke fl-isfond tal-ligi vigenti nkluz il-Kap. 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-kumpanija konvenuta ssostni fl-appell taghha li l-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12 ma japplikax fir-rigward taghha. Il-fatt biss li kumpanija kummercjali tigi registrata mar-Registratur tal-Kumpaniji u jkollha lill-Gvern ta' Malta bhala l-azzjonista principali taghha, ma jirrendihiex *korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi* a termini ta' l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12. Inoltre l-kumpanija konvenuta ssostni li hija kienet diga` tezisti bhala kumpanija kummercjali qabel gie promulgat l-Att XV ta' l-2003 (Kap. 466) u ghalhekk ma gietx kostitwita b'dak l-Att. Hi lanqas ma kienet is-successur tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding Co. Ltd u giet imqabbda biss biex tingaggja dawk il-haddiema li qabel id-dhul fis-sehh ta' l-Att kienu impjegati mal-kumpaniji msemmija. Il-kumpanija konvenuta ghalhekk ma tistax titqies bhala korp imwaqqaf b'ligi u l-fatt li l-Gvern hu l-azzjonist principali ma jbiddel xejn min-natura taghha bhala kumpanija kummercjali ordinarja.

Fil-kaz in ezami jirrizulta bhala fatt, li nonostante li l-kumpanija konvenuta giet ffurmata bhala kumpanija kummercjali qabel dahal in vigore l-Att XV ta' l-2003, u ghalhekk legalment ma gietx kostitwita bhala kumpanija b'dik il-ligi, xorta wahda l-Gvern ta' Malta zamm it-totalita` ta' l-ishma (9999 minn 10,000) f'din il-kumpanija u baqa'

[4] Art 469A(2) "awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi.

effettivament jikkontrolla l-kumpanija hekk iffurmata u x'isir minnha (ara Memorandum and Articles tal-Kumpanija esebit a fol. 24 tal-process u partikolarment fol. 32 ).

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-kostituzzjoni ta' din il-kumpanija gdida minflok il-Malta Drydocks u l-Malta Shipbuilding Co. Ltd saret fil-kuntest tar-ristrutturar ta' tarznari bl-intenzjoni li dawn, kif inhu maghruf, eventwalment il-Gvern jipprivatizzahom. L-ewwel pass kien li jiffurma din il-kumpanija hekk imsejha 'privata' bhala preparazzjoni ghall-eventwali privatizzar taghha, cioe` billi t-tarznari ma jibqghux f'idejn il-Gvern imma jghaddu ghand il-privat. Ghalkemm giet kostitwita din il-kumpanija kummercjali 'privata', fil-fatt il-kontroll effettiv taghha baqa' f'idejn il-Gvern bl-intendiment li jinnegozja l-bejgh tat-tarznari. Bhalma gie deciz f'kazi ohra dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem[5], il-Qorti hi tal-fehma li anke fil-kaz ta' kawzi dwar stharrig gudizzjarju, hi ghandha thares lejn is-sustanza ta' l-affarijiet u ta' dak li qed jigi mitlub li jigi protett u mhux toqghod semplicement fuq l-apparenzi jew id-definizzjonijiet jew klassifikazzjonijiet formali. Ghalkemm il-kumpanija konvenuta, bhala successur tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding Co. Ltd giet moghtija libsa ta' kumpanija kummercjali, fis-sustanza u fil-kuntest li fih giet kostitwita, hija kienet sostanzjalment korp mwaqqaf b'ligi u li jappartjeni u li hu kontrollat mill-Gvern. Ghalhekk bhala 'awtorita` pubblika' kontrollata totalment mill-Gvern hi soggetta ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tista' tezamina u tiddeciedi jekk l-istess kumpanija mxietx skond is-setghat moghtija lilha mil-ligi fit-twettieq tal-poter ezercitat minnha.

Ghalhekk l-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti qed jigi michud.

**Spejjez**

Il-socjetajiet appellati jikkontendu li l-ispejjez tal-kawza ma kellhomx jigu akkollati kollha lilhom mill-ewwel Qorti. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni

---

[5] Debono Grech vs  Mizzi  Q.K. 11.2.1991.

tas-socjeta` konvenuta u cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici. L-ewwel Qorti kienet pero` wkoll cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anke s-socjeta` konvenuta kellha tbati l-ispejjez tal-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi a bazi ta' dak li jinghad f'din is-sentenza, tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti u tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta, tichad wkoll l-appell incidentali tas-socjetajiet attrici, u tirriforma s-sentenza appellata biss billi l-ispejjez ta' l-ewwel istanza ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet (nofs is-socjetajiet attrici solidament bejniethom u n-nofs l-iehor is-socjeta` konvenuta) mentri kull parti ghandha tbati l-ispejjez ta' l-appell interpost minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------